MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Diċembru, 2019

Rikors Numru 799/2019 LM

Fl-atti tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru bin-numru 1066/2019 fl-ismijiet:

**Kayleigh Mulvaney (K.I. Numru 395599M),**
**flimkien mal-ġenituri tagħha Michael (K.I. Numru 181583M)**
**u Rita (K.I. Numru 189965M) konjuġi Mulvaney**

***vs.***

**1.Three Sixty Limited (C 30372); 2. Jonathan Grima (K.I. Numru 265478M); 3. Luke Chetcuti (K.I. Numru 595691M); 4. Mariah Grima (K.I. Numru 128598M); 5. Carlo Schembri (K.I. Numru 385274M); 6. Frank Grima (K.I. Numru 781757M); 7. Mark Azzopardi (K.I. Numru 109889M); 8. Hugo Cast & Co. Limited (C 28906).**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Three Sixty Limited** (C 30372), **Hugo Cast & Co. Limited** (C 28906), **Jonathan Grima** (K.I. Numru 265478M), **Luke Chetcuti** (K.I. Numru 595691M), **Mariah Grima** (K.I. Numru 128598M), **Carlo Schembri** (K.I. Numru

385274M), u **Mark Azzopardi** (K.I. Numru 109889M) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent") *ai termini* tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. *Illi l-esponenti eżekutati qed javallaw ruħhom mill-proċedura kontemplata fl-Art. 836(1) Kod. Proċ. Ċiv., u jġibu l-ilmenti tagħhom lill-Qorti li qed tisma' u tittratta l-kawża, biex jitħassar in toto l-att kawtelatorju odjern, u dan għall-motivi li ser jiġu espressi infra.*

2. *Illi in primis, jiġi osservat li għalkemm wieħed jifhem li sekwestrant ikun irid jikkawtela l-jeddijiet tiegħu billi jżomm lis-sekwestrat milli jagħmel xi ħaġa li tippreġudika l-assi ta' dan tal-aħħar bil-konsegwenza li jiġi preġudikat ukoll il-jedd pretiż minn dak tal-ewwel (u dan billi s-sekwestrat jiddisponi jew jeħles liberament mill-assi patrimonjali tiegħu a detriment tas-sekwestrant), hu doveruż għas-sekwestrant li meta jutilizza l-għodod proċedurali bħal ma hu att kawtelatorju, dan jagħmlu b'diliġenza, bi prudenza u b'bona fidi. Addizzjonalment, sekwestrant għandu jara li l-għemil tiegħu konkomitanti għall-intavolar tal-att kawtelatorju u sussegwenti għalih ikun ukoll meritevoli li jiġġustifika l-eżistenza ta' tali att kawtelatorju. Hu għalhekk li l-liġi timponi fuq is-sekwestrant fuq att kawtelatorju li jieħu ġurament, u ċioe dikjarazzjoni solenni li l-att li qed iressaq hu miżura kontra s-sekwestrat bażata fuq jeddijiet leġittimi u in bona fidi tas-sekwestrat li imbagħad jagħżel javvanza l-pretensjoni tiegħu f'forma ta' azzjoni;*

3. *Jidher illi l-qrati tagħna għarfu dan l-aspett wara l-għodda proċedurali de quo u proprju fid-deċiżjoni in re* ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut*** *(Prim Awla, 5 ta' Ġunju, 2003) ingħad illi, "Il-mandati kawtelatorji qegħdin hemm biex iservu ta' tarka għal min jippretendi li hu kreditur, però,* ***m'għandhomx jintużaw bl-addoċċ u lanqas m'għandhomx jintużaw bi skop li jweġġgħu jew ipattu, aktar milli jikkawtelaw"*** *(enfasi miżjuda). Ġie ukoll ritenut fid-deċiżjoni in re* ***Pauline Vassallo noe vs The Eden Foundation et*** *(Prim'Awla, 3 ta' April, 2008), "Illi l-Qrati tagħna dejjem għarfu wkoll li l-jedd li wieħed idur għal rimedji ġudizzjarji ma għandux jitbiddel f'abbuż tal-proċedura bil-ħsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragħ, iġib lill-parti avversarja f'qagħda li jkollha ċċedi għar-rikatt, għandha jew m'għandhiex raġun". L-istess linja ta' ħsieb hi riflessa in re* ***Tal-General Co. Ltd vs Kunsill Lokali Mosta*** *(Prim'Awla, 24 ta' Frar, 2010), u in re* ***Bay Street Holdings Limited vs Match Music Stores (Malta) Limited*** *(Prim Awla, 25 ta' Ġunju 2010).*

4. *L-esponenti issa jgħaddu għall-motivi speċifiċi għat-tħassir tal-odjern att kawtelatorju.*

5. *Skont dak dettat mill-**para. (d) tal-Art. 836(1) Kod. Proċ. Ċiv.,** "jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv", ikun hemm lok li "l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih ... jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju ... jiġi revokat ... għal kollox ...".*

6. *Illi bla preġudizzju għall-ewwel motiv, hemm lok li dan ir-rikors jintlaqa' skont dak dettat mill-**para. (f) tal-Art. 836(1) Kod. Proċ. Ċiv.** "jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew (l-att kawtelatorju ma jkunx) ġustifikabbli."*

7. *L-esponenti qed jinqdew b'dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet leġislattivi waħda alternattiva għall-oħra sabiex jottjenu t-tħassir tal-mandat kawtelatorju fuq menzjonat. Ir-raġunijiet fattwali u legali li sejrin jingħataw hawn isfel japplikaw mutatis mutandis, bl-istess manjiera/miżura u b'ugwali saħħa għaż-żewġ motivi supra;*

8. *Kif prospettat mis-sekwestranti fl-att kawtelatorju tagħhom, l-istess ġie mressaq biex jikkawtelaw l-allegati interessi tagħhom marbuta mal-proċeduri fl-ismijiet "**Kayleigh Mulvaney et vs Three Sixty Limited et**" bir-referenza numru 679/2019/LM. Il-mandat odjern, bħala kawżali, jgħid illi l-istess ġie ntavolat għall-ammont ta' €560,518.00 "rappreżentanti din is-somma ammont in kawtela ta' danni reklamat mir-rikorrenti skont ir-rikors ġuramentat intavolat kontestwalment". Tali proċeduri ġudizzjarji nru. 679/2019/LM huma għad-dikjarazzjoni ta' ħtija u għal-likwidazzjoni ta' ħsarat wara event sinistru li seħħ fil-15 ta' Novembru, 2015 u fil-preżenti jinsabu appuntati għall-ewwel dehra għal nhar it-18 ta' Settembru, 2019.*

9. *Minn ħarsa u qari tar-rikors ġuramentat fil-proċeduri "**Kayleigh Mulvaney et vs Three Sixty Limited et**" bir-referenza numru 679/2019/LM (kopja annessa bħala "**Dok. A**") m'hemm indikazzjoni tal-ebda ċifra likwidata u determinata fl-ammont ta' €560,518.00. Ma hemm l-ebda prospett ta' danni, debitament ġuramentat, li jakkumpanja l-istess rikors ġuramentat li jagħti spjegazzjoni tal-imsemmija ċifra u/jew li jagħti elenku tal-irjus ta' danni li jwassal għall-ammont ta' €560,518.00. Inoltre, fl-ittri uffiċjali tas-7 ta' Awwissu 2017, u tal-24 ta' Lulju 2018 (kopja annessa bħala "**Dok. B**" u "**Dok. C**"), illi jissemmew fl-istess rikors ġuramentat, m'hemm ebda indikazzjoni għal xi ammont iżda sempliċi interpellanza għall-assunzjoni ta' ħtija u biex jiġu riżarċiti l-ħsarat b'mod ġeneriku. Huwa solament issa, fl-indikat mandat kawtelatorju, li s-sekwestranti, unilateralment, avvanzaw iċ-ċifra ta' €560,518.00, iżda l-istess ċifra m'hi akkumpanjata minn ebda indikaturi*

*oġġettivi minimi u prima facie ta' xi tfisser u kif l-istess sekwestranti waslu għaliha.*

10. *Matul id-deskritt perkors ta' atti ġudizzjarji mressqa mis-sekwestranti qabel l-odjern mandat, huma ma indikaw qatt li kienu qed jippretendu xi ammont speċifiku. Huwa biss issa li fajru ċ-ċifra ta' €560,518.00 bla ma qatt indenjaw ruħhom li jagħtu raġuni, almenu prima facie, tal-konteġġi ta' warajha.*

11. *Ai termini tat-tagħlim ġurisprudenzjali lokali, Qorti hija obbligata li tivverifika jekk **ir-rekwiżiti li trid il-liġi għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju jkunu jidhru mill-att innifsu,** u dan abbażi tal-informazzjoni u/jew tad-dokumentazzjoni annessa mal-istess att (u mhux minn xi oġġett li jseħħ jew li jiġi ppreżentat sussegwentement). Dan huwa riflessjoni u applikazzjoni tal-prinċipju ta' "tempus regit actus" stante li hi norma ġenerali, anke fl-ordinament domestiku, li d-dixxiplina ta' fatt hi assoġġettata għan-normattiva taż-żmien li fih dak l-istess fatt iseħħ. Tali prinċipju jinsab imsemmi u aħjar imfisser fis-sentenzi, fost oħrajn, in re **Ottavio Suda vs Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Konsumatur et** (Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru 2008) u in re **Leonard Cassar vs L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (Appell Inferjuri, 8 ta' Mejju 2013). Inoltre, tali filosofija ta' ħsieb tidher riflessa fid-deċiżjoni, fost oħrajn, in re **Joseph Attard et vs Mario Attard et** (Prim Awla, 7 ta' Lulju 2014) fejn jingħad li, "M'għandux ikun li fit-tweġiba ġuramentata konvenut jagħti difiża u imbagħad waqt is-smigħ tal-provi jbiddel il-pożizzjoni, għaliex forsi hekk ikun jaqbillu li jagħmel. Il-Qorti trid tiddeċiedi a bażi tal-eċċezzjonijiet li jingħataw mill-konvenut u mhux xi argumenti ġodda li jqajjem fil-kors tas-smigħ tal-kawża." Għalkemm tali senjalazzjoni titkellem dwar kawża (i.e. rikors ġuramentat u risposta ġuramentata), l-esponenti ma jarawx kif l-istess prinċipju bażiku m'għandux japplika mutatis mutandis għal proċeduri ta' revoka bħal dawk odjerni.*

12. *Għalhekk, dak li din il-Qorti għandha tqis huwa dak kollu s'issa ppreżentat dwar il-kwistjoni u m'għandha tagħti l-ebda valur, morali jew ġuridiku, lil xi atti ġudizzjarji jew spjegazzjonijiet/sottomissjonijiet sussegwenti li jseħħu wara l-preżentata tal-att kawtelatorju de quo jew fil-kors tal-preżenti proċeduri. Is-sekwestranti kellhom kull opportunità, kull okkażjoni u ċertament ħin abbundanti biex, qabel ma ppreżentaw l-att kawtelatorju fuq imsemmi, jippreparaw ruħhom u jikkompilaw l-evidenza idoneja in sostenn tal-pretiża tagħha. Jekk issa l-istess huma jitħallew jew jiġu permessi jiġġustifikaw dak li suppost ġia messhom iġġustifikaw, dan ikun ifisser strapp proċedurali li jilledji l-jeddijiet difensjonali tas-sekwestranti. Hekk kif previst fl-Art. 1009 Kod. Proċ. Ċiv., "Kull użu jew drawwa kuntrarja jew mhux kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi m'għandux ikollhom effett". Konsonu ma' tali dispożizzjoni hu t-tagħlim riportat fis-sentenza in re **Tabiba u***

***Kirurga Anne Cremona Barbaro vs Prof. Edwin J. Costanzi noe*** *(Appell Superjuri, 14 ta' Awwissu, 1975; mhux pubblikata) li jafferma illi, "l-ebda prattika għalkemm kostanti, ma tista' tmur kontra l-espressa dispożizzjoni tal-liġi, u l-prattika ma tistax tipprevali fuq dak li tiddisponi l-liġi" u "l-ebda prattika ma tista' tħassar dak li l-liġi tiddisponi".*

13. *Fil-każ odjern, anke minn eżami prima facie tal-att kawtelatorju de quo, huwa impossibbli li wieħed jifhem il-komputazzjoni (u bażi legali) għall-pretensjoni prekunjarja in kwistjoni, liema pretensjoni lanqas mhi riflessa f'xi prova s'issa mressqa fil-proċediment ċivili 679/2019/LM. Dak li oġġettivament juri l-istess att kawtelatorju huwa li s-sekwestranti qabdu u b'mod azzardat ressqu pretensjoni fl-ammont ta' €560,518.00 mingħajr l-iċken indizju xi jfisser eżattament tali ammont. Huwa ferm faċli li litigand iwaddab ċifra li hu jemmen li tixraqlu bħala kumpens jew bħala riżarċiment ta' ħsarat, mingħajr ebda prova jew indizju li tiġġustifikaha u jistrieħ biss fuq il-ġurament tiegħu. Jekk dan jiġi permess li jseħħ, mela allura l-Qrati ser ikunu qed jiftħu l-bieb għall-abbuż tal-għodod proċedurali u għal preġudizzji serji għal min ikollu jissubihom. Jekk dan jiġi konċess, xejn ma jżomm persuna – li fil-verità ikollha xi jedd – milli tressaq pretensjoni f'att kawtelatorju ferm lil hinn minn dak li verament ikun jistħoqqilha. Fi kliem ieħor, xejn ma jżomm persuna li unilateralment iżżid u/jew tinkrimenta l-valur pekunjarju tal-pretiża tagħha u, per eżempju, minflok ma tindika l-ammont li verament jistħoqqilha, tindika ammont ogħla.*

14. *Fil-fehma tas-sekwestrati għandu jkun inawdit li persuna toħroġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju b'tant leġġerezza u titlob l-ammont ta' €560,518.00 – li ċertament ma jistax jitqies negliġibbli – u flimkien miegħu ma tressaqx almenu prova jew provi prima facie li jiġġustifikaw iċ-ċifra domandata in kawtela. Huwa vera li jittieħed ġurament fuq tali att kawtelatorju, iżda ċertament il-qorti għandha tesiġi oltre minn sempliċi ġurament għax altriment, kif diġà rimarkat, jaf ikun hemm kontorsjoni ta' mezzi proċedurali li jintużaw aktar sabiex iwaddbu pressjoni indebita milli biex leġittimament jikkawtelaw jedd.*

15. *Dan kollu jittraduċi ruħu fil-motiv misjub fiċ-ċitat Art. 836(1)(d) Kod. Proċ. Ċiv., u ċioe' li m'hemm xejn x'jiġġustifika ż-żamma fis-seħħ tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru fuq indikat li jesiġi li jiġi miżmum l-ammont ta' €560,518.00 mill-patrimonju tal-odjerni esponenti.*

16. *Bla preġudizzju, dan kollu jittraduċi ruħu wkoll fil-motiv misjub fiċ-ċitat Art. 836(1)(f) Kod. Proċ. Ċiv., u ċioe li intwera li fiċ-ċirkostanzi tal-każ mhux raġonevoli li jinżamm in vigore l-att kawtelatorju u dan għaliex mhux ġustifikabbli li att kawtelatorju jitħalla fis-seħħ in vacuo, mingħajr turija li s-sekwestranti attiva ruħu*

*b'mod idoneju, adegwatament u konkretament biex tħares l-interessi proprji, ċioe li juri sal-grad tal-prima facie li l-ammont ta' €560,518.00 huwa idoneju.*

17. *Aġġuntivament, jiġi rimarkat ukoll illi jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-preżenti talba dan ma jfissirx li hi tkun qed tidħol fil-mertu tal-pretiża tagħhom u tiddeċiedi xi parti minnu (i.e. ir-ras tad-danni), peress li dak huwa eżerċizzju li għad irid jiġi intrattenut fil-proċeduri fl-ismijiet '**Kayleigh Mulvaney et vs Three Sixty Limited et**' (ref. Nru. 679/2019/LM). Għalhekk, bl-akkoljiment tal-preżenti talba għal revoka, mhux ser jiġi deċiż li, dato ma non concesso, is-sekwestranti m'għandhom l-ebda allegat jedd għal xi riżarċiment, iżda solament li proċeduralment ma hemmx sisien suffiċjenti fuq xiex l-att kawtelatorju tagħhom hu ġustifikat li jibqa' fis-seħħ.*

18. *Illi, fid-dawl ta' dak sovra diskuss, il-preżenti talba għandha tiġi akkolta ai termini tal-para. (**d**) tal-Art. 836(1) u/jew tal-para. (**f**) tal-Art. 836 Kod. Proċ. Ċiv. Bl-ispejjeż kontra s-sekwestranti, 'l għaliex, inter alia, mhux raġonevoli li dan l-att kawtelatorju jinżamm fis-seħħ u, għalhekk, l-ammont fuq imsemmi mhuwiex ġustifikat li jibqa' miżmum mill-patrimonju tal-esponenti.*

19. *Illi, addizzjonalment, u f'każ li din l-Onorabbli Qorti ma tirrevokax l-odjern mandat kawtelatorju, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti għandha tapplika dak previst taħt l-**Art. 838A Kod. Proċ. Ċiv.** li jrid illi, "Il-Qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-Qorti, **<u>garanzija xierqa</u>** għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni u imgħax u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."*

20. *Illi bl-għamil akkwantu leġġer tas-sekwestranti, il-kontijiet tal-esponenti, b'mod individwali ġew skonvolti peress li tramite l-att kawtelatorju minnhom imressaq il-kont bankarju ta' kull esponenti singolarment ġie addebitat minħabba dan l-att €560,518.00. Apparti l-inkonvenjent li l-esponenti ġarrbu minħabba dan l-att kawtelatorju – li fiċ-ċirkostanzi in ispecie huwa altament fieragħ – tali aġir ippreġudika ukoll lill-istess esponenti f'għajnejn dawk l-istituzzjonijiet bankarji li magħhom iżommu u/jew investew flushom. Huwa ukoll minn tali ottika li din l-Onorabbli Qorti għandha takkorda l-garanzija in diżamina.*

21. *Din mhix xi miżura ta' ritaljazzjoni da parti tal-esponenti, iżda bħala miżuri li tpoġġi f'ekwilibriju l-jeddijiet ta' entrambe l-partijiet, ossia l-allegat kreditur (sekwestranti) li qed jitlob l-ammont ta' €560,518.00 in kawtela tad-drittijiet tiegħu fuq naħa u l-allegat debitur (sekwestrati) li jixraqlu li anke hu jiġi kopert u*

*kawtelat kontra pretiżi pekunjarji li jafu jirriżultaw esaġerati jew inġustifikati jew domandanti b'inkurja jew b'leġġerezza fuq in-naħa l-oħra. Kif ingħad in re* ***Bay Street Holdings Limited vs Match Music Stores (Malta) Limited*** *(Prim'Awla, 25 ta' Ġunju, 2010), "huwa raġonevoli li jiġi applikat l-artikolu 838A, u ċioe li jkun hemm garanzija biex tagħmel tajjeb għall-fatt illi s-soċjetà rikorrenti tista' ssofri riperkussjonijiet serji minħabba l-entità tal-mandat in kwistjoni. Fuq il-bażi tal-istess talba tas-soċjetà intimata kif likwidata fil-mandat, il-Qorti se tordna li tiġi preżentata garanzija għas-somma ta' ħames mitt elf Ewro (€500,000)." Tali garanzija tirresponsabilizza lis-sekwestranti biex jaraw li jutilizzaw l-għodod proċedurali għad-dispożizzjoni tagħhom b'mod xieraq u idoneju, u b'diliġenza, u sabiex jiġu evitati ekwivoċi li jissarrfu f'abbuż.*

***Għaldaqstant,*** *bla ebda preġudizzju għal drittijiet oħra li l-esponenti jafu jkollhom kontra s-sekwestranti, l-istess esponenti qed iressqu dan ir-rikors u jqanqlu dawn is-sottomissjonijiet kontra l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ in toto tal-mandat kawtelatorju bin-numru u fl-ismijiet supra premessi u iġibuhom a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u umilment jitolbu lill-istess Qorti sabiex, għar-raġunijiet mogħtija u għal dawk li jafu jitqanqlu fl-eventwali trattazzjoni tal-preżenti proċeduri:*

I. ***Tirrevoka in toto*** *dan l-att kawtelatorju fis-sens li tirrevokah in virtù tal-para. (d) u/jew (f) tal-Art. 836(1) Kod. Proċ. Ċiv;*

II. ***Tikkundanna*** *lis-sekwestranti jressqu kull att ġudizzjarju neċessarju, a spejjeż tagħhom, sabiex jitneħħew l-effetti tal-att kawtelatorju msemmi hekk kif mitlub fl-ewwel talba u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

III. ***Tagħti l-fakoltà*** *lill-esponenti li, fin-nuqqas tas-sekwestranti milli jikkonformaw ruħhom mat-tieni talba huma ikunu jistgħu jressqu l-opportuni atti ġudizzjarji, a spejjeż tal-istess sekwestranti, sabiex jitneħħew l-effetti tal-att kawtelatorju indikat hekk kif mitlub fl-ewwel talba;*

IV. ***Tordna u tikkundanna*** *lis-sekwestranti biex, fin-nuqqas li jiġi ordnat li jitneħħa l-att kawtelatorju, huma jagħtu, fi żmien perentorju stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa skont l-Art. 838A Kod. Proċ. kif imfisser f'dan ir-rikors;*

V. ***Tordna u tagħti*** *kull ordni u/jew provvediment ieħor opportun, neċessarju u/jew meħtieġ sabiex dawn il-preċedenti talbiet, kollha jew in parti, jiġu effettivament imħarsa u/jew esegwiti;*

VI. ***Tikkundanna*** *lis-sekwestranti jħallsu l-ispejjeż tal-preżenti proċeduri.*

Rat in-nota ta' **Kayleigh Mulvaney** (K.I. numru 395599M), flimkien mal-ġenituri tagħha **Michael** (K.I. numru 181583M) u **Rita** (K.I. numru 189965M) **konjugi Mulvaney** (minn issa 'l quddiem "l-intimati"), bi tweġiba għar-rikors tas-sekwestrati tal-14 ta' Awwissu, 2019, fejn eċċepew:

*It-talba tas-sekwestrati Three Sixty Limited et għandha tiġi* ***miċħuda,*** *bl-ispejjeż kontra l-istess u dan għar-raġunijiet mogħtija fil-liġi kif ukoll għal dawk illi sejrin jiġu esposti aktar 'l isfel f'din in-nota.*

*<u>Preliminari</u>*

1. *Ir-rikors għar-revoka sar ai termini tal-Art. 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*
2. *Bejn il-partijiet hemm il-kawża li saret kontestwalment ma' dan il-mandat, u li tinsab pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti – 679/2019 LM. Din il-kawża hija skedata* ***għall-ewwel udjenza*** *għas-seduta tas-16 ta' Settembru 2019.*

*<u>Il-Prima Facie</u>*

3. *Dwar it-talba għar-revoka fir-rikors t'hawnhekk, jibda biex jingħad illi minn qari tar-rikors odjern, wieħed faċilment jista' jasal biex jifhem illi din l-Onorabbli Qorti qiegħda prattikament* ***tiġi mitluba mis-sekwestrati sabiex tagħmel indaġini dettaljata u komprensiva tal-kwistjoni bejn il-partijiet*** *li tat lok għad-danni reklamati fil-kawża, u tiddeċiedi b'mod sommarju b'giljottina il-mertu sħiħ tal-kawża miġjuba quddiemha f'dan l-istadju bikri – kawża li altrimenti tirrikjedi għadd sostanzjali ta' provi, periti mediċi, u kunsiderazzjonijiet dettaljati ferm, apparti naturalment il-kontroeżamijiet meħtieġa dwar l-allegazzjonijiet mġjuba u d-dokumenti esebiti.*
4. *Indaġini ta' din ix-xorta l-Qorti hija* ***prekluża*** *milli tagħmilha f'talba għar-revoka ta' mandat. L-uniku eżami li tagħmel il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, għaliex id-dettalji tal-mertu b'mod sħiħ jistgħu biss jiġu investigati fil-kawża proprja wara li sseħħ id-debita proċedura. Din il-proċedura partikolari hija waħda*

*purament preliminari, mgħobbija b'limitazzjonijiet legali sinifikanti li jħallu lill-Qorti (kemm hija stess, jew ħaddieħor) libera illi ġialadarba imbagħad tisma' l-provi fid-dettall u tiġi segwita l-proċedura sħiħa, tiddeċiedi l-vertenza din id-darba mhux sommarjament, imma bid-dettalji, bil-formalitajiet u bis-solennità mistennija mil-liġi. Ara dwar dan:* ***James Alexander Cook et vs Erdin Hartoka et*** *(17 ta' Marzu 2014 (JPG)).*[1]

5. *Tabilħaqq, il-Qrati tagħna tennew ħafna drabi illi:*

   *"(l-)istħarriġ fil-mertu ma jagħmilx biċċa mill-kriterji li fuqhom hija (il-Qorti) ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha fi proċedura bħal din: biex il-Qorti tista' tqis jekk hijiex mistħoqqa jew le, il-pretensjoni tar-raġonevolezza li l-Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ trid tirriżulta mingħajr ma ssir indaġni fil-mertu."*[2]

6. *Qalet tajjeb il-Qorti Ċivili, Prim'Awla meta f'deċiżjoni oħra, aktar tard tenniet illi:*

   *"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed prima facie u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet, liema kawża għadha trid tibda tinstema'.*

   *Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li mhuwiex xieraq li f'din il-proċedura l-mertu tal-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat."*[3]

7. *F'rikors ta' din ix-xorta, "l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa li marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv."*[4] *Ifisser b'daqstant illi f'din il-vesti, il-Qorti ma tistax tidddeċiedi min għandu u min ma għandux raġun (dak tagħmlu ma' tmiem il-kawża), imma biss jekk kienx hemm l-elementi mitluba mil-liġi –* ***aktar ta' natura formali minn xejn –*** *għall-ħruġ tal-mandat.*[5]

---

[1] Ara wkoll per eżempju, **Joseph Camilleri et vs Anthony Gove et** (10 ta' Mejju 2001); **P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited** (10 ta' Mejju 2001); **Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd.** (7 ta' Frar 2001); **L-Avukat Dottor Tonio Fenech noe et vs L-Avukat Dottor Patrick Spiteri et noe et** (3 ta' Awwissu 2001); **Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et** (29 ta' Novembru, 2001 (RCP); **Ryan John Farrugia vs Olive Garden Investment Limited et** (3 ta' Settembru, 2012) (JRM)); **C&F Building Contractors Limited vs Emanuel Farrugia** (25 ta' Awwissu 2014); **Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et** (30 ta' April 2015 (LSO)); **Globalair Travel Ltd (C5893) vs Tomie McCarthy gia Makita et** (2 ta' Jannar, 2016 (MH)); **JF Security and Consultancy Services Ltd (C13768) vs Dipartiment tal-Kuntratti u Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija** (21 ta' Lulju 2016 (JZM)).

[2] **Desmond Stanley Stewart vs Therese Galea Mangion,** (29 ta' Lulju 2005).

[3] Ara **C&F Building Contractors Limited *vs* Emanuel Farrugia,** (545/14JRM – 25 t'Awwissu 2014).

[4] Ibid.

[5] **Francis Spiteri et vs Charles Darmanin et** provvediment mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-25 ta' Awwissu 2010 (JRM).

8. *Huwa proprju allura fid-dawl tal-premess li l-argumentazzjoni tar-rikorrenti, fil-premessi numru ħdax (11) u tnax (12) tar-rikors odjern ma ssib ebda konfort u* ***b'hekk tfalli.***

9. *F'vena imbagħad purament tematika, u b'riferenza għas-sbatax (17)-il premessa tar-rikors odjern l-esponenti* ***ma jistgħux ħlief jagħmlu riferenza*** *għall-pronunzjament ta' din l-Onorabbli Qorti fil-kawża fl-ismijiet* ***Kevin Attard vs Philip Cardona u Mario Cardona*** *(RGM, 27 ta' Marzu 2019).*

*Il-Kwistjoni u t-Talba tas-Sekwestrati*

10. *Il-kwistjoni mertu tal-vertenza odjerna tqum meta, fil-15 ta' Novembru 2015, Kayleigh Mulvaney attendiet l-istabbiliment ta' divertiment ġewwa Paceville, San Ġiljan, dak iż-żmien magħruf bl-isem 'The Plus One'. Dakinhar hekk kif ir-rikorrenti Kayleigh Mulvaney kienet ħierġa minn ġewwa l-imsemmi stabbiliment, ċeda t-taraġ, fil-maġġior parti tiegħu tal-ħġieġ, liema taraġ iservi għad-dħul u l-ħruġ tal-istess stabbiliment, biex b'hekk seħħ inċident li fih weġġgħu diversi persuni.*

11. *'The Plus One' dak iż-żmien kien ta' proprjetà u/jew liċenzjat u ġestit mill-intimati li dwar l-involviment per se tagħhom f'dawn l-istanzi jidher li ma jressqu ebda lanjanza.*

12. *Per konsegwenza ta' dan l-inċident, u wara d-debiti aċċertamenti mediċi, irriżulta illi l-esponenti Kayleigh Mulvaney sofriet ġrieħi ta' natura gravi, u permanenti fuq il-persuna tagħha, liema ġrieħi wasslu għal debilità permanenti.*

13. *Ir-rapporti mediċi rrilaxxjati mill-Konsulent Ortopediku Thomas Azzopardi, mill-Konsulent Psikjatriku Jean-Pierre Giorgio u mill-Konsulent Dermatologu Francis X. Darmanin, mehmuża mar-rikors ġuramentat promutur u rispettivament immarkati bħala Dok. 'A', 'B' u 'Ċ'* ***jiddettaljaw in-natura u l-estent tad-danni sofferti mir-rikorrenti Kayleigh Mulvaney.*** *Dan id-dettall jinsab miġbur fir-relazzjoni tal-Konsulent Assigurattiv Patrick Muscat mehmuż hawnhekk u mmarkat bħala Dok. 'A'.*

14. *Daqstant ieħor jiddettaljaw id-danni sofferti mill-istess Kayleigh Mulvaney ir-relazzjonijiet rilaxxati mill-Konsulent Ortopediku Mark Portelli, mill-Konsulent Psikjatriku Etienne Muscat u mill-Konsulent Dermatologu Joseph E. Briffa, mehmuża hawnhekk u rispettivament immarkati bħala Dok. 'B', 'Ċ' u 'D'.* ***Dawn il-konsulenti ġew maħtura fuq inkarigu tas-sekwestrati jew min minnhom!***

15. *Inoltre, ukoll per konsegwenza ta' dan l-inċident, u wara d-debiti aċċertamenti mediċi, irriżulta 'Illi l-esponenti Michael u Rita konjugi Mulvaney ukoll sofrew riperkussjonijiet permanenti fuq il-persuna tagħhom, liema riperkussjonijiet wasslu għal debilità permanenti'.*

16. *Għaldaqstant per konsegwenza ta' dan l-inċident ir-rikorrenti kollha sofrew danni konsistenti fi spejjeż inkorsi kaġun tal-inċident datat 15 ta' Novembru 2015 (damnum emergens), u danni konsistenti fi ħsara morali u psikoloġika, filwaqt li r-rikorrenti Kayleigh Mulvaney sofriet danni konsistenti wkoll f'debilità funzjonali u permanenti fil-persuna tagħha, debilità psikjatrika u permanenti fis-saħħa mentali tagħha, u konsegwentement telf ta' qligħ attwali u futur (lucrum cessans).*

17. *Però dan kollu* ***jisboq*** *il-prima facie.*

<u>*L-Artikoli Ċitati*</u>

18. *Fit-talbiet tagħhom, is-sekwestrati indikaw illi t-talba odjerna qiegħda ssir ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

19. *Dwar ir-riferenza għas-subartikolu (d) issir riferenza għall-argumenti li saru hawn fuq.*

20. *Jibda biex jingħad di prinċipju illi kif tajjeb qalet il-Qorti fid-digriet tagħha fl-ismijiet ta'* ***C&F Building Contractors Limited vs Emanuel Farrugia*** *(545/14 JRM – 25 t'Awwissu 2014), fejn l-ilment huwa dwar l-ammont kawtelat, "biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed 'eċċessiv', irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares lejn dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-kawża ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jkun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat." Żiedet tgħid illi, "il-liġi ma titlob imkien li, biex jista' jinħareġ mandat kawtelatorju, ir-rikorrenti ifisser kif ikun mibni l-ammont minnu kawtelat."*

21. *Hawnhekk, il-mandat ġie msejjes a bażi ta' relazzjonijiet ta' periti mediċi u mibni fuq il-formola stabbilita mill-Qrati tagħna. Ħarsa imqar ħafifa lejn id-dokumenti mehmuża ma' din in-nota u dawk mehmuża mar-rikors ġuramentat tistabbilixxi dan mingħajr dubju.*

22. *Dwar ir-riferenza għas-subartikolu (f), it-talbiet tal-eżekutati jimpekkaw. Qiegħed jingħad hekk għaliex biex talba għal revoka taħt dan is-subartikolu tirnexxi, min jagħmilha jeħtieġ juri illi minn mindu nħareġ il-mandat (f'dan il-każ fil-5 t'Awwissu 2019), sal-jum li fih qed issir din it-talba (14 ta' Awwissu 2019), ikunu nbidlu ċ-ċirkostanzi abbażi ta' liema l-mandat ġie oriġinarjament milqugħ. Indikanti dan illi dan l-istess subartikolu rispettivament jitkellmu fuq "jinżamm (...) ma huwiex aktar ...". Evidenti n-neċessità tal-bdil fiċ-ċirkostanzi. Ara dwar dan:* ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et*** *(3 t'Awwissu 2001). Ingħad dwar is-subartikolu (f) illi biex dan jiswa bħala ġustifikazzjoni, jeħtieġ illi "... wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat issa m'għadux il-każ." Il-Qorti kompliet tiżviluppa l-argument fid-deċiżjoni fl-ismijiet ta'* ***Matthew Grech vs Welcome Auto Dealer Ltd et*** *(24 ta' Novembru 2016) u kompliet tfisser illi biex talba għal revoka ta' mandat taħt is-subartikolu (f) tkun tista' tintlaqa', "(e)ffettivament għandu jirriżulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fiċ-ċirkostanzi sabiex twassalha biex tiddeċiedi li mandat li kien raġonevoli ab initio, jew ġustifikabbli, issa m'għadux. Sabiex issir din l-analiżi* ***wieħed irid iqis jekk mid-data tal-ħruġ tal-mandat għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-mandat."***

23. *Ifisser b'daqstant illi hemm* ***presunzjoni legali*** *illi ġaladarba ħareġ il-mandat, il-ħtiġijiet tal-liġi kienu kollha jeżistu u huwa biss jekk dawn ma jkunux għadhom fil-fatt jeżistu illi talba bħal din tista' tintlaqa'.*

24. *Dan kollu ġie kkonfermat riċentement fid-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, f'1290/2018 RGM* ***Charlette Cianter vs Kr Katuchia Galea,*** *deċiż fil-21 ta' Frar 2019.*

25. *Tul ir-rikors odjern, ma nġabet l-ebda indikazzjoni illi nbidlu xi ċirkostanzi li jiġġustifikaw revoka, u għalhekk ukoll, it-talba tar-rikorrenti f'dan is-sens ma treġix, u ma tistax lanqas biss tibda biex tiġi kkunsidrata. Ifisser b'daqstant illi fejn si tratta di talba taħt is-subartikolu (f), l-eżami ta' din l-Onorabbli Qorti f'din l-istanza jrid jieqaf hemmhekk.*

*<u>L-Effetti tal-Mandat u l-Garanziji Mitluba</u>*

26. *Jiġi mtenni illi t-talba għall-mandat ta' sekwestru kienet neċessarja.*

27. *L-istanti jħossu illi magħdud mal-premess, ikun biżżejjed li jagħmlu riferenza għal dak li tenniet il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ta'* ***Blye Engineering Co Ltd vs Paolo Bonnici Ltd****, deċiża fis-7 ta' Lulju 2004:*

    *"Huwa prinċipju fundamentali illi min jeżerċita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-eżerċizzju ikun responsabbli għall-ħsara li bħala konsegwenza jista' jbati ħaddieħor, in omaġġ għall-massima 'qui sono iure utitur, non videtur damnum facere', bil-konsegwenza li d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-eżerċizzju tiegħu miċ-ċittadin m'għandu bl-ebda mod jiġi mxekkel;*

    *Tali abbuż jiġi riskontrat biss f'każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f'każijiet ta' vessatorjetà nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negliġenza gravament kolpuża fejn min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaża fuq ċirkostanzi manifesti nieqsa minn kull fondament kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u b'hekk il-proċedura promossa tirriżulta vessatorja. Iżda apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-konsegwenzi ġuridiċi derivanti mill-istess mhux biżżejjed sabiex tiġi leġittimata talba għad-danni mill-parti rebbieħa fil-kawża."*

28. *Ċertament, u kuntrarjament għal dak allegat mis-sekwestrati li, f'dan il-mandat m'hemm l-ebda notorjetà; il-mandat magħmul mill-esponenti kien wieħed validu, ġust u meqjus, u li fuq kollox kellu jsir sabiex l-esponenti kemm jista' jkun jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom mill-possibbli tberbiq (u l-konsegwenti insolvibiltà) tal-eżekutati kif ukoll sabiex jevitaw kull tentattiv illi jispustjaw l-assi tagħhom bi preġudizzju għad-drittijiet tal-esponenti u dan in linea ma' dak li ġustament huwa dritt tagħhom skont il-Liġi.*

29. *Imbagħad, l-effetti tal-mandat huwa konsegwenza awtomatika u aċċettata għall-eżistenza tagħhom. L-iffriżar tal-kontijiet, jew kif deskritt mir-rikorrenti "l-inkonvenjent", ma jista' qatt iservi ta' argument għat-tneħħija tal-mandat għaliex huwa proprju dak l-effett kawtelatorju aċċettat illi huwa jfittex li jikseb. Jiġi rilevat li sad-data tal-preżentata tan-nota odjerna, l-esponenti ġew biss notifikati b'ċedola ta' depożitu waħda fl-ammont (ferm 'il bogħod mill-pretensjoni tagħhom) ta' EUR 55,623.77 (Dok. 'E'). Kif qalet il-Qorti fil-provvediment mogħti fit-2 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet ta'* ***Globalair Travel Ltd (C5893) vs Tomie McCarthy gia Makita et (MH),*** *"Ċertament għalkemm att kawtelatorju ma jistax ikun jew isir b'intenzjoni li jivvessa, però xorta mhux intiż li jagħti pjaċir!" Kompliet illi, "Il-fatt li ġie affettwat kont bankarju tagħha huwa konsegwenza loġika u legali tal-mandat innifsu mhux raġuni tal-ilment kif minnha mressaq", u allura, ċertament dawn l-effetti ma jagħmilx raġuni għat-tneħħija tal-istess. Kienet fil-fatt il-Qorti stess illi identifikat l-iskop tal-mandat fil-*

*provvediment tagħha mogħti fit-23 ta' Ottubru 2007 fil-kawża fl-ismijiet* ***Bartholomeo Bonett et vs George Borg et (JRM),*** *"Ma jrid jintesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriża" l-qagħda sakemm il-kwestjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-mertu."*

30. *Magħdud dan, wieħed jasal biex faċilment jikkonkludi illi ċertament ma hemm lok għall-ebda garanzija; tabilħaqq, fl-isfond fattwali u legali miġjub hawn fuq, il-mandat kien wieħed neċessarju biex is-sekwestranti jikkawtelaw il-pożizzjoni tagħhom.*

31. *F'din l-istanza, u speċifikament fir-rispett tat-talba għall-garanzija, it-talba kif impostata ma hijiex dik akkumpanjata, kif solitament tkun, minn dawk it-talbiet imressqa ai termini tal-art. 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; din l-Onorabbli Qorti għandha għalhekk quddiemha biss talba għall-impożizzjoni ta': "(...) garanzija xierqa skont l-Art. 838A" mingħajr talba konsegwenzjali għall-impożizzjoni tal-istess penali u danni li l-art. 836 tal-Kap. 12 jagħti d-dritt li jintalbu.*

32. *Hija fil-fatt l-umili fehma tal-esponenti "Illi t-talba kif impostata ma tistax treġi in kwantu dak li jipprovdi l-Art. 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma huwa xejn ħlief konsegwenza ta' dak li jistipula l-art. 836(8) u (9) tal-istess Kap. Kieku ma kienx hekk, ordni sfavorevoli għall-esponenti f'dan ir-rikors tkun tfisser l-għoti ta' garanzija kontra danni u penali li r-rikorrenti lanqas biss għażlu li jitolbu (minkejja kull allegazzjoni kontenuta fir-rikors tagħhom) skont il-formola stabbilita milll-art. 836(8) u (9) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

33. *Dan mhuwiex biss ir-raġunament tal-esponenti iżda anke r-raġunament ta' din l-Onorabbli Qorti fil-kawża* ***Francis Cassar vs Joseph Zammit*** *(MCH, 3 ta' Jannar, 2012) fejn ingħad illi: "Stante li l-Qorti ser tilqa' in parti dan ir-rikors hu opportun tiġi wkoll mistħarrġa t-talba tar-rikorrent għal impożizzjoni ta' penali kif irid l-artikolu 836 (8) (d) jekk it-talba għall-ħruġ tal-mandat kienet malizzjuża, frivola u vessatorja. Il-Qorti mhix konvinta li jeżistu l-estremi ta' dan is-subartikolu u ma nġiebet ebda prova ta' dan. Għalkemm qed jiġi milqugħ l-aggravju tal-eċċess fl-ammont mitlub, ma ntweriex li t-talba għall-ħruġ tal-mandat fih innifsu kien magħmul b'malizzja jew kien frivolu jew vessatorju (...) La darba mhux qed tiġi milqugħa din it-talba ma tistax tintlaqa' t-talba taħt l-ewwel parti tal-artikolu 838A ċioe għal garanzija għall-ħlas tal-penali billi ma hu qed jiġi impost ebda penali f'dan il-każ."*

34. *Il-pronunzjament ta' din l-Onorabbli Qorti fil-vertenza appena ċitata* ***ma jistax jinftiehem mod ieħor*** *milli kif imfisser supra, u ċioe li talba fit-termini tal-art. 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tintlaqa' jekk ma tintlaqax it-*

*talba fit-termini tal-art. 836(8) u (9) tal-istess Kap. Multo magis allura ma tistax tintlaqa' meta r-rikorrenti jagħżlu huma stess li ma jressqux it-talba ai termini tal-art. 836(8) 8 (9) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

35. *Għandu jkun inekwivoku li l-kliem "li tista' tiġi imposta" użat fl-art. 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmel riferenza biss għal dawk il-penali u d-danni kontemplati fl-art. 836 (8) u (9) tal-istess Kap.*

<u>Konklużjoni</u>

36. *Jingħad f'dan l-istadju illi fil-kawża ġia aktar 'il fuq ċitata*[6]*, il-Qorti sostniet illi, "Il-ħtiġijiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu, u (d) li tali mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilità tal-persuna li tkun talbitu."*[7] ***Tali rekwiżiti, fil-vertenza/i in diżamina, ġew kollha sodisfatti, u għaldaqstant ma hemm ebda raġuni għaliex dan il-mandat għandu jkun rimoss.*** *Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti umilment jissottomettu, "Illi għandu jkun evidenti għal din l-Onorabbli Qorti illi l-ħtiġijiet rikjesti mil-Liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju in kwistjoni fil-fatt jeżistu; teżisti ġustifikazzjoni prima facie għall-ħruġ tal-mandat odjern u huwa raġonevoli illi dan jinżamm fis-seħħ. Wara kollox, huwa prinċipju mgħasses mill-Qrati tagħna illi l-mandati kawtelatorji qegħdin hemm biex iservu ta' tarka għal min jippretendi li hu kreditur. (****Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut;*** *Qorti Ċivili, Prim'Awla; deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003). Din it-tarka, fil-fehma umili tal-esponenti, ma għandhiex tkun skartata faċilment.*

37. *In konklużjoni, jingħad allura illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat ġiet ġustament milqugħa u jisthoqqilha tibqa' fis-seħħ. Min-naħa l-oħra, u b'ġabra ta' dak li diġà ngħad, f'kull każ it-talba għar-revoka ma tistax tirnexxi. Dan għaliex:*

- *Il-mandat kien totalment ġustifikat;*
- *Fejn it-talba saret taħt is-subinċiż (d), it-talba hija insostenibbli għaliex l-ammont mitlub huwa definittivament prima facie ġustifikat;*

---

[6] Ibid. fn. 1.
[7] Ibid.

- *Fejn it-talba saret taħt is-subinċiż (f), it-talba hija insostenibbli għaliex ma nġiebet l-ebda prova jew argument li kien hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi mid-data li nħareġ il-mandat.*

*Għaldaqstant, it-talbiet kollha tar-rikorrenti fir-rikors odjern għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kollha jmorru kontra l-eżekutati.*

Rat l-atti kollha ta' dan ir-rikors.

Semgħet it-trattazzjoni li għamlu l-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2019, fejn il-Qorti ħalliet ir-rikors għal provvediment, li qed jingħata llum.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu r-revoka *in toto* tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1066/2019 li ġie ppreżentat mis-sekwestranti Kayleigh Mulvaney u l-ġenituri tagħha Michael u Rita konjuġi Mulvaney kontestwalment mal-kawża Rikors Maħluf Numru 679/2019 LM, f'liema kawża qegħdin jitolbu r-riżarċiment tad-danni konsistenti fi spejjeż inkorsi kaġun tal-inċident li seħħ fil-15 ta' Novembru, 2015 li seħħ fl-istabbiliment li dak iż-żmien kien magħruf bl-isem The Plus One *(damnum emergens)*, u danni konsistenti fi ħsara morali u psikoloġika, u fir-rigward ta' Kayleigh Mulvaney danni konsistenti wkoll f'debilità funzjonali u permanenti fil-persuna tagħha, debilità psikjatrika u permanenti fis-saħħa mentali tagħha, u konsegwentement telf ta' qligħ attwali u futur *(lucrum cessans).* Ir-rikorrenti jikkontendu li meta sekwestrant jagħmel att kawtelatorju, dan għandu jagħmel hekk bi prudenza, b'diliġenza u b'bona fede, filwaqt li m'għandu jkun

hemm ebda abbuż minn tali proċedura, b'tali mod li s-sekwestrat iħossu li qiegħed jiġi rikattat bil-ħruġ tal-mandat kawtelatorju. Ir-rikorrenti qegħdin isejsu t-talbiet tagħhom għar-revoka *in toto* tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1066/2019 fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12, fejn il-liġi tgħid li talba bħal din tiġi milqugħa fejn jintwera li l-ammont mitlub mis-sekwestrant ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv, jew inkella fejn jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu, jew l-att kawtelatorju ma jkunx ġustifikabbli. Is-somma kolpita bis-sekwestru in kawtela tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti hija ta' ħames mija u sittin elf, ħames mija u tmintax-il Euro (€560,518.00). Ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw li mat-talba tagħhom għall-ħruġ tal-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju, ma nġabet ebda prova da parti tas-sekwestranti dwar kif waslu għas-somma ta' ħames mija u sittin elf, ħames mija u tmintax-il Euro (€560,518.00) meta ġew biex jikkalkulaw id-danni. Ir-rikorrenti odjerni jgħidu li kien il-kompitu tal-intimati jġibu prova tal-kalkolu li sar minnhom biex waslu għaċ-ċifra ta' €560,518.00, filwaqt li jilmentaw minn ċerta leġġerezza fil-mod kif il-Qorti laqgħet it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru f'ammont li jista' jitqies li huwa wieħed sostanzjali, hekk kif il-Qorti li laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat jidher li straħet biss fuq il-ġurament tas-sekwestranti u ma ntalbet l-ebda prova oħra in sostenn tal-pretensjoni tagħhom. Ir-rikorrenti jgħidu li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn mandat ta' sekwestru kawtelatorju għandu jitħalla fis-seħħ f'vakwu, u jgħidu wkoll li m'hemmx bażi suffiċjenti għalfejn jista' jitqies li huwa ġustifikat li l-att kawtelatorju jinżamm fis-seħħ. Ir-rikorrenti jgħidu wkoll li f'każ li din il-Qorti tiddeċiedi li t-talba tagħhom għar-revoka tal-mandat ma tintlaqax, il-Qorti għandha timponi fuq is-sekwestranti

garanzija xierqa *ai termini* tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jinżamm ekwilibriju bejn il-jeddijiet tal-partijiet diversi f'dawn il-proċeduri, u dan sabiex is-sekwestrati jkunu kawtelati wkoll kontra pretensjonijiet li jafu jkunu esaġerati jew mhux ġustifikati fiċ-ċirkostanzi.

Min-naħa tagħhom l-intimati wieġbu li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li f'dan l-istadju l-Qorti hija prekluża milli tagħmel indaġni dettaljata u komprensiva dwar il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, kif donnhom ir-rikorrenti qegħdin jippretendu li għandu jsir. L-intimati jikkontendu li l-kwistjoni dwar ir-raġonevolezza ta' dan il-mandat għandha tiġi mistħarrġa u indirizzata mingħajr ma ssir indaġni fil-mertu, u l-Qorti m'għandhiex tirrevoka att kawtelatorju f'każ li jirriżultalha li l-elementi meħtieġa mil-liġi għall-ħruġ ta' mandat ta' din ix-xorta huma sodisfatti. L-intimati eċċepew ukoll li ma jistax jintqal li l-ammont milqut bl-att kawtelatorju huwa wieħed 'eċċessiv', u biex jintqal dan irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont milqut bl-effetti ta' att kawtelatorju hemm diverġenzi tali li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux ilaqqgħu ma' xulxin. L-intimati sostnew wkoll li sabiex jiġi sodisfatt id-dispost tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12, wieħed irid iqis jekk mid-data tal-ħruġ tal-mandat għadhomx attwalment jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tiegħu. Intqal li ladarba l-Qorti tawtorizza l-ħruġ ta' att kawtelatorju, tinħoloq preżunzjoni legali li l-elementi rikjesti mil-liġi għall-ħruġ tiegħu ġew sodisfatti kollha, u min jeżerċita jedd li jispetta lilu, m'għandux iwieġeb għall-ħsara li l-eżerċizzju ta' dak il-jedd jikkawża lil ħaddieħor. L-intimati sekwestranti qalu li huma xtaqu jipproteġu ruħhom minn tberbiq jew minn kwalunkwe tentattiv għal spustament tal-assi tar-rikorrenti sekwestrati għall-eventwalità li l-Qorti tiddeċiedi li huma

għandhom raġun fil-pretensjonijiet imressqa minnhom fil-kawża li għadha kemm bdiet tinstema' bejn il-partijiet. L-intimati sekwestranti jgħidu li għandu jirriżultalha li l-att kawtelatorju huwa *prima facie* ġustifikat, partikolarment għax ir-rikorrenti ma ressqu ebda prova ta' tibdil materjali fiċ-ċirkostanzi wara l-ħruġ tal-mandat. F'dan ir-rigward l-intimati jinsistu wkoll li m'hemmx lok għall-impożizzjoni ta' garanzija, ladarba dak li qegħdin jagħmlu l-intimati sekwestranti huwa li jikkawtelaw il-pożizzjoni tagħhom.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tar-rikors maħluf bin-numru 679/2019 LM fl-ismijiet **Kayleigh Mulvaney et *vs.* Three Sixty Limited et**[8]; kopja tal-ittra uffiċjali tas-7 ta' Awwissu, 2017, li l-intimati sekwestranti kienu bagħtu lir-rikorrenti sekwestrati fejn interpellawhom biex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kkawżati minnhom f'inċident li seħħ fl-istabbiliment kummerċjali Plus One, ġewwa Triq San Ġorġ, Paceville, San Ġiljan, fejn kienet weġġgħet il-konvenuta Kayleigh Mulvaney[9]; kif ukoll kopja ta' ittra uffiċjali oħra li l-intimata Kayleigh Mulvaney kienet bagħtet lir-rikorrenti flimkien ma' għadd ta' persuni oħra li kienu wkoll involuti fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.[10]

Flimkien mar-risposta tagħha, l-intimata ppreżentat prospett tad-danni li tħejja mill-konsulent assigurattiv Patrick Muscat, bid-dettalji tal-

[8] *A fol*. 7 tal-proċess.
[9] *A fol.* 15 tal-proċess.
[10] *A fol.* 17 tal-proċess.

pretensjonijiet tal-intimata Kayleigh Mulvaney.[11] Dan ir-rapport ma jinkludix dettalji dwar il-pretensjonijiet tal-ġenituri tagħha, intimati ukoll f'dawn il-proċeduri. L-intimati ppreżentaw ukoll kopja ta' ċedola ta' depożitu li saret mis-sekwestratarju Bank of Valletta plc li permezz tagħha ġiet ddepożitata s-somma ta' €55,623.77 taħt l-awtorità ta' din il-Qorti b'riżultat tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mertu ta' dawn il-proċeduri.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti qiegħda tintalab mir-rikorrenti tirrevoka b'mod sħiħ l-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1066/2019 li kien inħareġ għas-somma ta' ħames mija u sittin elf, ħames mija u tmintax-il Euro (€560,518.00). Dan l-att kawtelatorju nħareġ wara li l-intimati odjerni taw bidu għall-proċeduri legali kontra r-rikorrenti odjerni, in segwitu għal inċident li seħħ fl-istabbiliment bl-isem ta' 'Plus One', ġewwa Paceville, San Ġiljan, meta ċeda parti minn taraġ tal-ħġieġ bil-konsegwenza li kien hemm għadd ta' persuni li sofrew ġrieħi, fosthom l-intimata Kayleigh Mulvaney. L-intimati ma ppreżentaw l-ebda prospett ta' danni flimkien mar-rikors maħluf li permezz tiegħu ġiet istitwita l-kawża fil-konfront tar-rikorrenti f'din l-istanza u fil-konfront ta' Frankie Grima li mhuwiex parti fil-proċeduri odjerni. Bil-ħruġ tal-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju, l-intimati sekwestranti ikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom għall-eventwalità li l-Qorti ttihom raġun fil-kawża fil-mertu u tiddeċiedi li r-rikorrenti f'din l-istanza għandhom jinżammu responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża. L-avukat difensur tar-

[11] *A fol.* 38 *et seq.* tal-proċess.

rikorrenti waqt it-trattazzjoni stqarr illi kieku l-prospett tad-danni li ġie ppreżentat kontestwalment mar-risposta tal-intimati fil-proċeduri odjerni ġie f'idejh qabel, huwa ma kienx jippreżenta r-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru, u għalkemm tali stqarrija bl-ebda mod ma tista' tiġi interpretata bħala ammissjoni jew aċċettazzjoni tar-responsabbilità da parti tar-rikorrenti, mandanakollu l-Qorti tqis din id-dikjarazzjoni bħala prova li l-jedd pretiż mill-intimati sekwestranti huwa *prima facie* ġustifikat. Il-kwistjoni fil-mertu għad trid tiġi deċiża, u jkun biss wara li tiġi deċiża l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident, li l-Qorti tkun tista' tgħaddi biex tagħmel il-likwidazzjoni tad-danni. Iżda ċertament f'dan l-istadju ma jistax jingħad li l-ammont pretiż mill-intimati mhuwiex wieħed raġonevoli u ġustifikabbli. Minkejja dan l-avukat difensur tar-rikorrenti sostna li l-prova konsistenti fi prospett tad-danni kellha takkumpanja l-ittri uffiċjali mibgħuta mill-intimati jew ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u mhux tinġieb f'dan l-istadju fejn ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li jitneħħew minn fuqhom l-effetti tal-mandat ta' sekwestru għax isostnu li huma eċċessivi u mhux ġustifikati.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li kien intqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet **DOM Communications Ltd *vs.* Office Group Ltd**[12]:

> "... fir-rigward tal-proċeduri li jsiru *ai termini* tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie*. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri vs Gové et,** deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem:

[12] P.A., 28.04.2015.

> "mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Gaetano Abdilla et *vs.* Bianco Charles et**, intqal illi:

> "L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide **Vincent Mercieca *vs* George Galea,** 29 ta' Novembru, 2011, u **Technobroadcast srl *vs* Mediterrenean Broadcasting Limited,** tal-5 ta' Ġunju, 2007)."

Ir-rikorrenti jibbażaw it-talbiet tagħhom fuq tnejn mis-subartikoli tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u senjatament is-subartikolu (d) li jispeċifika li rikors bħal dan jintlaqa' meta:

> "jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv";

Il-Qorti tqis li l-ammont ikkawtelat mill-intimati ma jistax jitqies *prima facie* li huwa wieħed eċċessiv jew li mhux ġustifikat, tenut kont partikolarment tal-prospett ippreżentat mill-intimati f'dawn il-proċeduri, u tenut kont ukoll tar-rapporti tal-esperti mediċi *ex parte* ippreżentati flimkien mar-risposta tal-intimati, liema esperti mediċi lkoll ikkonkludew li konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, l-intimata Kayleigh Mulvaney sofriet diversi debilitajiet

permanenti fi gradi differenti. Il-fatt li l-intimati ppreżentaw il-prospett tad-danni flimkien mar-risposta tagħhom f'din il-proċedura u mhux kontestwalment mar-rikors tagħhom għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju, m'għandux minn nnifsu jwassal għar-revoka tal-mandat kawtelatorju. Dan għaliex kemm-il darba il-Qrati tagħna, inkluż din il-Qorti kif preseduta, bl-iskop li jiġu salvati l-atti, jitolbu lir-rikorrenti sekwestranti jissostanzjaw l-pretensjoni tagħhom fuq livell *prima facie* permezz ta' dokumentazzjoni, prospett ta' danni eċċ, fejn fir-rikors għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju dawn ikunu straħu biss fuq il-ġurament tal-kreditur.

Il-Qorti tagħmilha ċara li bl-ebda mod ma trid tinftiehem li qiegħda tgħaddi xi ġudizzju dwar ir-responsabbilità tar-rikorrenti għall-inċident li jifforma l-mertu fi proċeduri separati bejn il-partijiet, u lanqas ma trid tinftiehem b'xi mod li l-likwidazzjoni tal-kumpens ser tlaħħaq l-ammont pretiż mill-intimati. Madanakollu tenut kont li mir-rapporti mediċi ppreżentati mar-risposta tal-intimati, jirriżulta li l-konvenuta Kayleigh Mulvaney ser ikollha bżonn kura fit-tul kemm minħabba t-trawma li sofriet, kif ukoll sabiex jiġu indirizzati problemi fiżiċi li għalihom jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' interventi fi kliniċi privati, *prima facie* l-ammont pretiż ma jistax jitqies li hu esaġerat jew li mhux raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Ir-rikorrenti jsejsu wkoll it-talba tagħhom għar-revoka tal-mandat fuq subartikolu ieħor tal-artikolu 836(1), is-subartikolu (f), liema artikolu tal-liġi jipprovdi li rikors bħal dak li ġie mressaq minnhom jista' jintlaqa':

> "jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Spiteri *vs* Darmanin**[13], intqal:

> "illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ ta' mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ" (**Dr Tonio Fenech noe *vs* Dr Patrick Spiteri et noe**)."

Il-Qorti tqis li sabiex jiġi sodisfatt dan id-dispost, irid jirriżulta li kien hemm xi tibdil fiċ-ċirkostanzi sabiex tkun tista' tiddeċiedi li anki jekk il-ħruġ tal-mandat kien validu *ab initio*, minħabba tibdil fiċ-ċirkostanzi, dak il-mandat issa m'għandux jitqies aktar validu. Mill-atti jirriżulta li l-mandat ta' sekwestru inkwistjoni ġie milqugħ ftit tal-ġimgħat ilu, fil-5 ta' Awwissu, 2019, u madwar xahar qabel ġie intavolat dan l-att kawtelatorju, l-intimati kienu ppreżentaw ir-rikors maħluf li permezz tiegħu istitwew il-proċeduri fil-mertu kontra r-rikorrenti sekwestrati odjerni b'rabta mal-inċident li kienet involuta fih Kayleigh Mulvaney. Ir-rikorrenti sekwestrati naqsu milli juru b'liema mod iċ-ċirkostanzi tal-partijiet inbidlu, u għalhekk il-Qorti tqis li lanqas dan id-dispost tal-liġi ma ġie sodisfatt mir-rikorrenti.

Ir-rikorrenti jikkontendu wkoll li f'każ li l-Qorti tiddeċiedi li r-rikors tagħhom għar-revoka tal-mandat kawtelatorju ma jintlaqax, il-Qorti għandha timponi garanzija fuq l-intimati sekwestranti u dan sabiex jintlaħaq ekwilibriju bejn il-jeddijiet tal-partijiet f'dawn il-proċeduri, f'każ li jirriżulta li l-pretensjonijiet tal-intimati sekwestranti kienu esaġerati. Ir-rikorrenti jgħidu li huma mhumiex interessati fl-impożizzjoni ta' penali fuq l-intimati, iżda jixtiequ li bħala turija ta' *bona fede,* għandha tiġi imposta garanzija fuqhom. L-intimati min-naħa l-oħra jsostnu li hemm kollegament ċar bejn l-artikolu 838A u l-artikolu 836(8) u

[13] P.A., 25.08.2010.

(9) tal-Kap. 12, u fejn ma ssirx talba għall-ħlas ta' penali u ta' danni, m'hemmx lok għall-impożizzjoni ta' garanzija mill-Qori. L-artikolu 838A tal-Kap. 12 li abbażi tiegħu li qiegħda ssir din it-talba tar-rikorrenti, jgħid illi:

> "Il-Qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li l-Qorti tordna lill-intimati jħallsu garanzija peress li sakemm tingħata s-sentenza finali fil-kawża fil-mertu, ir-rikorrenti ser jibqgħu mċaħħdin minn flushom, xi ħaġa li r-rikorrenti jgħidu li qiegħda tikkawżalhom preġudizzju serju. Huwa għalhekk li l-liġi tagħti s-setgħa lill-Qorti, li fejn tintwera kawża ġusta għal dan, tista' tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni, għall-imgħaxijiet u għall-ħlas ta' penali li jistgħu jiġu imposti fuq l-intimati f'każ li jinstab li l-pretensjoni kkawtelata minnhom hija esaġerata jew bla bażi, jew li kien hemm element ta' vessatorjetà da parti tagħhom meta talbu l-ħruġ tal-att kawtelatorju.

Il-Qorti tqis li f'dan il-każ ir-rikorrenti huma għadd ta' individwi u kumpanniji ewlenin fl-industrija tad-divertiment f'pajjiżna, u l-piż tal-mandat inkwistjoni qiegħed jinqasam bejniethom. Mill-banda l-oħra l-intimati fil-proċeduri odjerni huma familja ta' persuna li meta kienet għadha ta' età tenera, kellha inċident f'wieħed mill-istabbilimenti operati mir-rikorrenti, u qiegħda tfittixhom għad-danni sofferti minnha konsegwenza ta' dan l-inċident, fejn allegatament sofriet għadd ta' debilitajiet permanenti serji li qegħdin jaffettwawlha ħajjitha. Il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ m'għandha tiġi

imposta l-ebda garanzija fuq l-intimati, stante li sa issa l-ammont li kellu jiġi kkawtelat bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, parti żgħira biss minnu ġiet iddepożitata taħt l-awtorità tal-Qorti, kif ukoll għax ma jistax jingħad li ċ-ċirkostanzi tal-intimati huma identiċi jew paragonabbli ma' dawk tar-rikorrenti. Il-ħsieb tal-leġiżlatur kien li individwu li jħossu li ġie aggravat b'xi mod, għandu jkollu l-għodda proċedurali meħtieġa għad-dispożizzjoni tiegħu f'każ li jkun irid jikkawtela l-pożizzjoni tiegħu. Il-Qorti hija tal-fehma li l-impożizzjoni ta' garanzija fuq l-intimati f'dawn iċ-ċirkostanzi tkun qed tippenalizza lill-intimati b'mod inġust għax qegħdin jeżerċitaw jedd li huma jemmnu li għandhom fil-konfront tar-rikorrenti. Il-Qorti tqis finalment li l-intimati ċertament m'għandhomx ikunu obbligati jidħlu fl-ispiża biex jagħtu xi forma ta' garanzija għax qegħdin jeżerċitaw dritt li huma jemmnu li għandhom.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur.**

**Spejjeż a karigu tar-rikorrenti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**